MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 384/2008

**John Galea**

**Vs**

**Etienne Galea**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-18 ta’ Novembru 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jaghmel ix-xoghol rimedjali li hemm bzonn fil-fond ‘J&M Building’ fi Triq Salvu Psaila, B’kara w dana skond rapport tal-AIC Lawrence Montebello (Dok JG1), liema xoghol ta’ kostruzzjoni wara li gie ngaggat mill-attur (Dok JG 2) huwa ghamel mhux skond is-sengha w l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi w fin-nuqqas li jaghmel dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jhallas lill-attur dik is-somma li tigi ffissata minnha halli jsir tali xoghol rimedjali mill-attur skond l-istess rapport.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz tal-Mandat ta Sekwestru Kawelatorju mressaq kontestwalment mar-rikors promotur u tal-ittra ufficcjali (DOk JG 3) u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Etienne Galea fejn espona bir-rispett is-segwenti:-

*1. 'Illi preliminarjament ma huwa dovut l-ebda ammont da parti ta' l-esponenti fil-konfront ta' l-attur rigwardanti xoghol fil-fond J&M Building, fi Triq Salvu Psaila, B'kara, izda huwa l-attur li ghandu jhallas lill-esponenti ghax-xoghol li gie ezegwit, u ghal dan l-esponenti qieghed jintavola konrestwalment kontro talba.*

*2. Illi tul il-perkors tax-xoghol, l-attur impedixxa lill-esponenti li jaccedi fil-fond in kwistjoni flimkien mal-perit tieghu, u ghalhekk l-esponenti kien prekluz li jezegwixxi xi xoghlijiet rimedjali li huma necessarji.*

*3. Ill in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li ser jissemmew tul il-prosegwiment tal-kawza, it-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.'*

Rat il-kontro talba tal-konvenut Etienne Galea fejn espona s-segwenti.

*'Illi John Galea ghandu jigi kkundannat ihallas lil Etienne Galea, somma li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti xoghol esegwit mir-rikonvenjent fil-fond J&M Building, fi Triq Salvu Psaila, B'kara, liema xoghol sar fuq inakrigu ta' l-istess rikonvenjent.*

*Ghal fini ta kompetenza jigi dikjarat jigi dikjarat li l-ammont ma jeccedix is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra John Galea."*

Rat it-twegiba tal-attur rikonvenzjonat John Galea fejn wiegeb bis-segwenti:-

*“1. Illi l-azzjoni hekk kif imressqa min-naha tal-konvenut rikonvenzjonant hija wahda guridikament improponibbli u intempestiva ghall-ahhar u dana minhabba l-fatt illi l-konvenut rikonvenzjonant qua appaltatur m’ghandu l-ebda dritt li jesigi l-hlas f’kaz li huwa jkun ghamel xoghol li ma jkunx skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi jew inkella huwa ma jkunx ikkompleta l-appalt tieghu. Dan hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna u gie konsistentement ritenut mill-Qrati taghna (Ara sentenzi fl-ismijiet ‘**Antonio Pisani vs Carmelo Debattista’** deciza mill-Prim’ Awla fit-8 ta’ Mejju 1958, ‘**Carmelo sive Charles Mallia vs Ivan John Fonk**’ Appell Civili 24 ta’ Jannar 1975, ‘**Francis Spiteri nomine –vs- Emmanuele Cassar’,** Appell Civili 14 ta’ Marzu, 1975, **Francis Mallia pro et noe vs Edwin Magri’** Appell Civil 13 ta’ Ottubru 1989, sentenza moghtija nhar it-23 ta’ Gunju 2004 mill-Qorti ta’ l-Appell (sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Dr. P Sciberras fl-ismijiet ‘ **Christopher Meli vs Emmanuel Galea’** u sentenza moghtija nhar is-6 ta’ Ottubru 2004 mill-Qorti ta’ l-Appel (sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Dr. P Sciberras fl-ismijiet ‘**Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius’**. Fil-kaz odjern Etienne Galea la ttermina l-appalt u lanqas ma wettaq ix-xoghol li kellu jaghmel skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi u dana kif ser jipprova l-attur rikonvenzjonat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.*

*2. Il-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex hu stess qatt ma wasal halli jirrimedja billi jaghmel ix-xoghol rimedjali, kif ukoll mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat ma tax access lill-konvenut rikonvenzjonant halli jaghmel ix-xoghol rimedjali mehtieg anzi stennieh xhur twal halli jaghmel dan u kien wara dan li l-attur ressaq din il-kawza.*

*3. Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.”*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu 2009 fejn gie nominat il-perit tekniku Mario Cassar sabiex jiehu konjizzjoni tal-process u jirrelata dwar dak li jirrizulta.

Rat illi nhar l-10 ta' Gunju 2009 xehed il-perit tekniku Mario Cassar li esebixxa r-rapport tieghu li gie markat bhala Dok. MC.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta s-segwenti:-

*1. "Li x-xoghol ta' gebel u konkos li sar mill-konvenut Etienne Galea ma sarx skond is-sengha w l-arti kif stipulat fil-kuntratt ta' xoghol iffirmat quddiem il-Perit Lawrence Montebello nhar it-30 ta' Mejju 2007.*
*2. Ix-xoghol hazin immanifesta ruhu f'illi l-hitan ma gewx mibnija comb u f'linja orizzontali dritta.*
*3. Li blata ta' gebel minnhom ma hix invell orizontali.*
*4. Il-blajjiet tal-konkos vertikali ma humiex comb.*
*5. Is-samrotti ta' l-arkipjani mhumiex mingura skond is-sengha w l-arti. Ic-cavi ta' wahda minnhom fuq il-faccata nizlet u c-cavi ta' l-arkipjan tal-faccata hija akbar mis-samrotti l-ohra meta din skond is-sengha w l-arti trid tkun daqs jew inqas mis-samrotti l-ohra.*
*6. Is-saqaf tal-konkos ma giex armat invell u hemm dubbju serju dwar il-kwalita' tal-konkos li nghata fis-soqfa w il-blajjet tal-konkos.*
7. *Il-valur ta' dawn ix-xoghlijiet riparatorji, sakemm il-kwalita' tal-konkos tal-blajjet u tas-soqfa hija accettabbli, ghandhom jilhqu ghal bejn il-hamest elef (€5000) u s-sebat elef (€7000) u dejjem sakemm dawn jistghu jigu rrangati ghas-sodisfazzjon tal-perit Lawrence Montebello li ghadu l-perit responsabli ghax-xoghlijiet*."

Illi nhar is-16 ta' Marzu 2010 xehed il-**Perit Mario Cassar** u kkonferma li minn spezzjoni vizwali rrizultalu li l-konkos huwa ta' kwalita' inferjuri ta' dak li suppost ikun hemm f'dak it-tip ta' saqaf. Ghalkemm jghid ukoll li sabiex tivverifika ezattament il-kwalita' tal-konkos hemm certu kors li wiehed ghandu jaghmel, u dan billi jittiehed kampjun ta' dak il-konkos u jintbaghat gewwa laboratorju w isiru l-ezamijiet xjentifici fuqu. Qal ukol li dan l-ezami jqum xi elf Ewro (€1,000) sabiex isir. Ikkonferma li kkonstata li x-xoghol tal-bennej konistenti fix-*shutter* tal-konkos, kien ta' kwalita' hazina hafna, kif sostna fir-relazzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-attur **John Galea** prezentata nhar is-16 ta' Marzu 2010 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok 'JG.' Ikkonferma li huwa l-propretarju tal-fond bl-isem J & M Building fi Triq Salvu Psaila f'B'kara. Fit-30 ta' Mejju 2007 huwa ffirma ftehim mal-konvenut sabiex dan jaghmillu xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tieghu f'B'kara skond il-kundizzjonijeit imsemmija fil-kuntratt iffirmat minnhom. Jghid li l-kuntratt sar quddiem il-Perit Lawrence Montebello w jinsab esebit fl-atti w immarkat bhala Dok 'A'.

Jispjega li x-xoghol ta' kostruzzjoni li ghamel il-konvenut ma sarx skond is-sengha w l-arti, w huwa pprova kemm-il darba jasal fi ftehim mieghu sabiex jaghmel ix-xoghol rimedjali mehtieg, izda ghal xejn. Huwa esebixxa kopja ta' tliet ittri li huwa baghat lill-konvenut tramite l-avukat tieghu, liema ittri gew immarkati bhala Dok 'B' 'C' u 'D', u sahansitra anke ittra ufficcjali, liema ittra tinsab ukoll esbita fl-atti w immarkata bhala 'Dok E'. Jghid li dan ix-xoghol qatt ma sar u allura kien mar ghand il-perit tieghu u dan kien hejja rapport bin-nuqqasijiet li kien hemm f'dak li ghamel il-konvenut, liema rapport huwa datat 12 ta' Novembru 2008 u jinsab immarkat bhala Dok 'F.'

Il-**konvenut Etienne Galea** xehed nhar it-30 ta' Settembru 2010 u jikkonferma li kien hadem fi proprjeta' tal-attur gewwa B'kara u dan wara li kien iffirma kuntratt mieghu quddiem il-perit Lawrence Montebello. Jghid li in segwitu' tal-iffirmar tal-kuntratt huwa beda bix-xoghol u kien qabbad lavrant certu Giljan jahdem mieghu. Jghid li kienu bdew jibnu w l-attur kien sejjah il-perit tieghu u dan mar fuq il-post u qallu sabiex ikompli. Huma waslu sabiex isaqqfu l-ewwel sular. Jghid li sa dan l-istadju l-ilment ta' l-attur kien biss dwar l-arkipjan. Huma xtaqu li jbiddlu l-arkipjan izda l-attur ma riedx li jnehhuh, izda qalilhom sabiex ihalluh u jinvjawh wara. Jghid li huwa talab lill-perit imur fuq il-post izda dan ma marx u minflok baghat lil ibnu li jismu Mark, li wkoll huwa perit, u dan tah l-approvazzjoni *'to carry on'* u jsaqqaf, u hu hekk ghamel. Jghid li wara dan hareg il-kont tieghu sabiex jithallas, izda ma thallasx. Thallas biss is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000).

Mistoqsi jekk kienx qabbad perit tieghu jghid li l-attur qatt ma hallih jiehu perit fuq il-post. Jghid li huwa ghadu ma thallasx. Ikkonferma li wara xi zmien il-perit Montebello kien mar fuq il-post u qallu li x-xoghol ma kienx sar tajjeb. Ikkonferma li kien mar wara li kienu saqqfu w qatt ma kien waqqfu qabel. Jghid li huwa xtaq idahhal il-perit tieghu Carmel Farrugia meta lesta x-xoghol, pero' l-attur ma hallihx, pero' ittra bl-avukat tieghu lill-atur biex jitolbu permess m'ghamilx. Jaqbel li l-avukati dahlu meta x-xoghol kien tlesta. Ikonferma li kien ircieva l-ittri esbiti mill-attur. Ikkonferma wkoll li kien mar ghand l-attur meta lesta x-xoghol biex jithallas, izda mar ghal xejn ghax ma thallasx. Jghid li huwa pero' qatt ma talab ghal xi somma partikolari, ghaliex kejl ma sarx, u ghalhekk ma jafx bl-ezatt kemm ghandu jiehu w ma jkunx jaf qabel ma l-perit jiehu l-kejl. Ikkonferma li huwa kien lest li jirranga l-hsara, izda l-attur ma hallihx, u jghid li l-attur qatt ma ried li jaslu f'xi kompromess.

Il-konvenut rega xehed nhar l-10 ta' Jannar 2011. Mistoqsi x'inhu l-VAT number tieghu wiegeb li huwa 1543-9318 u kkonferma li xi zmien qabel kien ghamel xi xoghol iehor lill-attur, xi trinka fil-garage tieghu. Ikkonferma li kien thallas is-somma ta' elf lira Maltin (LM1000) minghand l-attur oltre l-Vat ta' 18%. Mistoqsi jekk setax effettivament thallas is-somma ta' LM1652 minflok LM1000 jghid li dwar dan ma jaf xejn. Muri d-dokument immarkat bhala Dok 'Z' jghid li dik hija ricevuta fl-ammont ta' LM1652 li huwa kien ta lill-attur. Jghid pero' li ma jiftakarx jekk dak l-ammont jinkludix il-hlas tax-xoghol li kien sar qabel fil-garage. Mistoqsi kemm kellu jithallas tat-trinka li saret fl-istess zmien, jghid li ma jiftakarx. Ikkonferma li huwa kellu jithallas ftit ftit max-xoghol li kien qed isir, izda l-Perit Montebello ma marx fuq il-lant tax-xoghol. F'dan l-istadju jghid li l-ammont ta' LM1652 kien gie moghti lilu mill-attur minn jeddu w mhux ghax kien sar xi kejl, u huwa ma kellux triq ohra salv li jaccetta dak l-ammont. Mistoqsi jekk effettivament hux minnu li din is-somma ta' LM1,652 thallset permezz ta' diversi cekkijiet, jghid li ma jiftakarx.

Fil-15 ta' Frar 2011 il-konvenut rega' xehed. Muri d-dokument immarkat bhala 'Dok SB' a fol. 80 jghid li dak

id-dokument huwa ricevuta mahruga minnu bil-kliem *VAT 'not included'*. Jghid li l-ammont kien ta' LM1,200. Jikkonferma li skond l-erba' ricevuti li hemm fl-atti kienu saru erba' pagamenti. Jghid li effetivament kien thallas minghand l-attur izda mhux skond il-kuntratt. Fl-ahhar jghid li kien Giljan li bena l-post u li hu ma hadimx fil-post. Jghid li licenzja ghal bini m'ghandux u minghalih li Giljan kellu, ghax hekk kien qallu.

Rat in-nota tal-attur pprezentata fl-atti nhar il-15 ta' Frar 2011 li permezz taghha esebixxa sitt *cheques* intestati lill-konvenut u mmarkati bhala Dok Z1 sa Dok Z6.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jaghamel xi xoghol rimedjali peress li x-xoghol li kien ghamel fil-proprjeta' tieghu f'B'kara ma kienx sar skond is-sengha w l-arti w skond il-perit tieghu *ex parte* Lawrence Montebello ix-xoghol kien sar hazin. Il-konvenut jikkonferma li kien gie mqabbad mill-attur sabiex jaghmel xi xoghol ta' kostruzzjoni f'B'Kara u li kienu waslu fi ftehim quddiem il-perit tal-attur kif kellu jsir dan ix-xoghol, u li kienu sahansitra anke ffirmaw kuntratt, pero' jichad fl-eccezzjonijiet tieghu li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha w l-arti, w in oltre jaghmel kontro-talba fejn jghid li huwa ghadu ma thallsx ghax-xoghol li kien ghamel, u ghalhekk kien qed jitlob sabiex jithallas. L-attur fit-twegiba ghall-kontro talba tieghu jghid li tali kontro talba ma setghet qatt issir ghaliex l-ewwel irid jigi terminat l-appalt ta' bejniethom, qabel ma tista' ssir talba ghall-hlas relattiv. In sostenn ta' dak li eccepixxa huwa ghamel referenza ghal diversi sentenzi moghtija tul medda ta' zmien mill-Qrati nostrana.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubbju li l-konvenut kien inkonsistenti hafna f'dak li jghid. L-ewwel jghid li kien hu li hadem fuq is-sit in kwistjoni izda fl-ahhar seduta jghid li fis-sit ma hadimx izda kien impjegat tieghu Giljan li ghamel ix-xoghol. Jikkonferma li licenzja ta' bennej m'ghandux u li kien minghalih li dan Giljan kellu tali licenzja. Jghid li ghall-ewwel thallas biss is-somma t'elf

lira Maltin (LM1000) izda aktar tard ibiddel il-versjoni tieghu u jghid li verament thallas aktar, u dan wara li gie muri ricevuti mahruga minnu ghal somom ohra.

Il-Qorti nnominat bhala espert tekniku lill-perit Mario Cassar sabiex jistabilixxi jekk verament ix-xoghol li kellu jsir mill-konvenut kienx sar skond is-sengha w l-arti, w minn ezami tar-relazzjoni tieghu jirrizulta li x-xoghol kien sar hazin ghal diversi ragunijiet kif imfissra aktar ‘il fuq, u li jehtieg spiza ta’ bejn hamest elef u sebat elef Ewro (€5000 u €7000) sabiex jittrangaw ix-xoghlijiet. Illi dan ir-rapport effettivament lanqas biss gie kontestat mill-konvenut. Fix-xhieda tieghu f’certi istanzi l-konvenut jammetti li kien hemm xi xoghol li ma kienx sar tajjeb, ghaliex jghid li l-attur kien impedih li jirremedja, pero’ ma jirizultax li l-konvenut kien ha xi passi legali sabiex jirranga s-sitwazzjoni infelici li kien holoq hu stess. Il-konvenut jghid li kien Giljan li hadem fuq il-post u peress li dan Giljan gie mqabbad mill-konvenut biss, huwa l-istess konvenut li huwa responsabbli ghax xoghol li ghamel, ghaliex l-appaltatur, f’dan il-kaz il-konvenut, huwa responsabbli ghax-xoghol li jsir minn persuna mqabbda minnu w ghalhekk huwa l-istess appaltatur li jrid iwiegeb ghan-nuqqasijiet tieghu. L-attur ma kellu l-ebda relazzjoni ma’ dan Giljan.

Illi ghalhekk jirrizulta bla tlaqliq li verament ix-xoghol li sar mill-konvenut ma sarx skond is-sengha w l-arti, w li ghalhekk illum il-gurnata jrid jirrispondi ghal dan in-nuqqas kif mitlub mill-attur fir-rikors promotur tieghu.

Il-konvenut jghid li huwa l-attur li ghandu jhallsu ghaliex ma hallsux tax-xoghol li ghamel. Naturalment min jallega fatt irid jipprovah. Meta l-konvenut gie mistoqsi kemm qed jippretendi li kellu jiehu minghand l-attur, jghid li ma jafx ghaliex il-perit kien ghadu lanqas biss ha l-kejl, u ghalhekk fid-dawl ta’ tali prova zgur li l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa’.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, fejn jallega li l-attur impedih milli jaghmel ix-xoghol rimedjali, jirrizulta ghalhekk li l-konvenut stess qed jammetti li hemm bzonn li

jsir xoghol rimedjali w li dan ma sarx. Mill-atti processwali l-Qorti mhix konvinta li l-konvenut ittanta jaghamel ir-riparazzjonijiet necessarji. Fil-fatt il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li kien imur ghand l-attur akkompanjat, izda haga tal-ghageb qatt ma ressaq lil hadd jixhed sabiex jikkorrobora t-tezi tieghu li l-attur impedih milli jaghmel ix-xoghol necessarju. Din l-eccezzjoni ma tirrizultax provata lanqas remotament. Ghalhekk tiddikjara li tali eccezzjonijiet tal-konevnut huma infondati kemm legalment kif ukoll fattwalment.

Dwar il-kontro talba tal-konvenut jinghad is-segwenti:-

Issir referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta’ Ottubru 2004 mill-Qorti ta’ l-Appelli Inferjuri fl-ismijiet **Pierre Darmanin Vs Moira Agius et** fejn inghad li :-

*“L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenuu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu".*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem…..*

*Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*

*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt.*

*Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).*

*Jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-r-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr.*

*Jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz."*

Dan hu proprju dak li sar f'dan il-kaz, li l-attur qed jitlob li l-konvenut jirrimedja x-xoghol hazin li ghamel, u fin-nuqqas jithallas somma flus li tirrispekkja l-valur tax-xoghol li jrid isir f'dan ir-rigward.

Issir referenza ohra ghas-sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 2004 mill-Qorti ta' l-Appelli Iinferjuri fl-ismijiet **Christopher Meli et Vs Emanuel Galea** fejn inghad li:

*"Bhal f'kull kuntratt iehor, apparti l-konsiderazzjonijiet specjali li jemanu mid-dispost tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16, rizervat ghall-appalti, l-patt kommissorju jaghti lill-kontraent wiehed kontra l-kontraenti l-iehor inadempjenti l-ghazla li jitlob jew ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew l-ezekuzzjoni tieghu (Art 1069 (1) tal-Kap 16). Hekk per ezempju l-kommittent jista' jopta ghar-rizoluzzjoni f'kaz ta' tardivita` fl-ezekuzzjoni jew f'kaz li l-opra tirrizulta ghal*

*kollox inadatta ghad-destinazzjoni taghha, jew diversa minn dik kommissjonata jew nieqsa minn xi kwalita` essenzjali. Minn naha l-ohra l-kommittent jista' jinsisti ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt fejn ix-xoghol jirrizulta nkompletat jew insodisfacenti.*

*Dipendenti fuq l-ghazla maghmula l-kommittent, imbaghad, ghandu x-xelta li jinsisti ghar-rettifika tal-vizzji u difetti riskontrati fl-opra, jew tar-riduzzjoni fil-prezz raggunt bil-konfront bejn il-valur tal-opra kontrattata u l-valur tal-opra ezegwita. Dan f'kaz li d-difetti ma jkunux daqstant sostanzjali li jipprivaw l-opra mill-iskop jew l-utilita` taghha ghall-kommittent. Jista' wkoll jitlob ir-rifaciment tal-opra f'kaz li l-vizzji ma jkunux jistghu jigu eliminati hlief bid-distruzzjoni tal-opra. Ghandu, imbaghad, rizervat lilu mil-ligi, ex-Art 1069(2) tal-Kodici Civili, d-dritt jirreklama d-danni.*

*Minn dawn il-premessi jsegwi illi l-kommittent li jkun talab l-ezekuzzjoni tal-appalt u l-eliminazzjoni tad-difetti jista' jirrifjuta li jhallas in bazi ghall-principju "inademplenti non est adimplendum". <u>Hu infatti pacifikament akkolt illi l-appaltatur ma ghandux dritt jezigi l-hlas tax-xoghol li jkun indahal ghalih u l-azzjoni tieghu ghal dan il-hlas titqies intempestiva sakemm ma jkunx irranga d-difetti jew ikkompleta x-xoghol</u>. (sottolinear minn din il-Qorti) ……..*

*<u>Jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew mhux ezegwit sewwa) l-appaltatur ma jistghax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu</u>. (sottolinear minn din il-Qorti) ……..*

*Huwa logikament desumibbli minn dan illi fejn l-opra tipprezenta difetti ma jistghax jinghad li l-appell gie ezegwit. Li jfisser allura li jekk l-appalt mhux ezegwit, anke f'sens ta' bonta' u adattabilita` tal-opra, l-appaltatur ma jistghax jippretendi l-hlas tal-korrispettiv sakemm l-opra ma tkunx accettabbli u ezenti minn kull difformita`. Hu biss*

*meta l-opra tirrizulta sodisfacenti illi l-appaltatur ikollu jedd jircievi l-hlas."*

Ghalhekk in vista tas-suespost il-kontro talba tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talba tal-attur, <u>tordna lill-konvenut jirrimedja ix-xoghlijiet hziena li saru minnu kif deskritti mill-perit tekniku Mario Cassar fir-rapport tieghu aktar 'il fuq (fejn hemm hemm referenza ghax-xoghol hazin li sar) u dan fi zmien xahrejn millum, u dan taht id-direzzjoni ta' l-istess Perit Mario Cassar, u fin-nuqqas il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000)</u>, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali.**

**Qieghda tilqa' wkoll l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut, u tichad kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro talba tieghu.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------